

32004R0753

L 118/23

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

23.4.2004

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 753/2004**tat-22 ta' April 2004****li jimplimenta d-Deċiżjoni Nru 1608/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-istatistika dwar ix-xjenza u t-teknoloġija****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Artikolu 1

Wara li kunsidrat id-Deċiżjoni Nru 1608/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tirrigwarda l-produzzjoni u l-iżvilupp ta' l-istatistika Komunitarja dwar ix-xjenza u t-teknoloġija ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Il-miżuri sabiex tiġi implimentata d-Deċiżjoni Nru 1608/2003/KE rigward l-istatistika Komunitarja dwar ix-xjenza u t-teknoloġija għandhom ikunu kif stipulati f'dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Billi:

1. Dan ir-Regolament għandu jkopri d-dominji li ġejjin:

- (1) Hu meħtieġ li jiġu adottati miżuri biex jiġu implimentati azzjonijiet ta' statistika individwali kif stabbilit fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Nru 1608/2003/KE; jinħtieġu dawn l-azzjonijiet sabiex jistabbilixxu l-istatistika Komunitarja dwar ix-xjenza, t-teknoloġija u l-innovazzjoni.
- (2) Il-programm ta' statistika Komunitarja jikkostitwixxi l-qafas għall-produzzjoni ta' l-istatistika Komunitarja kollha, u d-Deċiżjoni Nru 2367/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar il-programm ta' statistika Komunitarja għas-snin mill-2003 sa l-2007 ⁽²⁾ stabbiliet b'mod speċifiku il-programm tax-xogħol għall-produzzjoni u t-titjib ta' l-istatistika dwar ix-xjenza u t-teknoloġija għall-perjodu taż-żmien mis-sena 2003 sas-sena 1007.
- (3) Huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-konsistenza ta' l-istatistika Komunitarja dwar ix-xjenza u t-teknoloġija ma' *standards* oħra internazzjonali, li tinvolvi li jitqies ix-xogħol imwet-taq mill-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (l-OECD) u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra.
- (4) Fl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1608/2003/KE, għandu jingħata każ tal-qafas ipprovdut bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar l-Istatistika Komunitarja ⁽³⁾ meta jkunu qegħdin jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet li jkopru l-aċċess għas-sorsi amministrattivi u l-kunfidenzalità ta' l-istatistika.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinioni tal-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika,

- (a) l-istatistika dwar ir-riċerka u l-iżvilupp;
- (b) l-istatistika dwar l-appropriazzjonijiet ta' l-estimi finanzjarji tal-gvern jew dwar il-ħruġ tal-flus fuq ir-riċerka u l-iżvilupp (il-GBAORD);
- (c) l-istatistika dwar ir-riżorsi umani fix-xjenza u t-teknoloġija, inklużi statistika dwar is-sessi u l-mobbiltà (*HRST*), l-istatistika dwar il-privattivi, l-istatistika dwar l-industrija ta' teknoloġija għolja u s-servizzi msejsa fuq il-għerf u statistika oħra dwar ix-xjenza u t-teknoloġija.

Rigward id-dominji memmija fil-punti (a) u (b), il-listi tal-varjanti ta' l-istatistika, l-attivitajiet u s-setturi koperti, t-tqassim wieħed wieħed tar-riżultati, l-frekwenza, ż-żminijiet perentorji għat-trasmissjoni ta' *data*, l-istudji pilota sabiex jiġu żviluppati, fost ħwejjeġ oħra, varjanti ġodda u l-attivitajiet partikolari li għandhom jitwettqu u l-perjodu transitorju taż-żmien għandhom ikunu kif speċifikati fit-taqsimiet 1 u 2 ta' l-Anness.

Rigward id-dominji msemija fil-punt (c), id-*data* meħtieġa għandha tinkiseb fil-biċċa l-kbira mis-sorsi ta' statistika eżistenti jew minn sorsi oħra ta' l-informazzjoni, skond taqsima 3 ta' l-Anness.

2. Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet fir-rapporti preżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 1608/2003/KE, il-listi tal-varjanti ta' l-istatistika, l-attivitajiet u s-setturi koperti, t-tqassim wieħed wieħed tar-riżultati, l-frekwenza, ż-żminijiet perentorji għat-trasmissjoni tad-*data*, l-lista ta' l-istudji pilota u karatteristiċi oħra stabbiliti fl-Anness ma' dan ir-Regolament għandhom ikunu rivisti, meta xieraq, f'intervalli regolari taż-żmien skond il-proċedura msemija f'Artikolu 4 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jiksibu d-*data* meħtieġa bl-użu ta' kombinazzjoni ta' sorsi differenti bħalma huma sħarriġ tat-teħid tal-kampjuni, s-sorsi ta' *data* amministrattiva u sorsi oħrajn ta' *data*. F'termini tal-proċeduri tal-kwalità jew ta' l-estimi ta' l-istatistika, s-sorsi l-oħra ta' *data* għandhom ikunu mill-inqas ekwivalenti għall-istħarriġ tat-teħid tal-kampjuni jew is-sorsi ta' *data* amministrattiva.

⁽¹⁾ ĠU L 230, tas-16.9.2003, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 358, tal-31.12.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 52, tat-22.2.1997, p. 1. Regolament emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).

Artikolu 4

Id-dominji ta' l-istatistika elenkati fl-Anness għandhom ikunu msejsa fuq il-kunċetti u d-definizzjonijiet armonizzati, li jinsabu fl-iktar verżjonijiet reċenti tal-Manwal ta' Frascati, il-Manwal ta' Canberra u *standards* oħra armonizzati.

L-Istati Membri għandhom japplikaw dawn il-kunċetti u definizzjonijiet għall-istatistika li għandha tiġi kumpilata.

Ir-rapporti preżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 1068/2000/KE għandhom jagħmlu riferiment għall-kunċetti u d-definizzjonijiet u kif jiġu applikati.

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jittrasmettu l-varjanti elenkati fit-taqsimiet 1 u 2 ta' l-Anness lill-Kummissjoni (l-Eurostat), billi jużaw format *standard* tat-trasmissjoni li għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni (l-Eurostat) f'koperazzjoni magħhom.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' April 2004.

Artikolu 6

Il-valutazzjoni tal-kwalità għandha titwettaq mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni (l-Eurostat).

L-Istati Membri għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni (l-Eurostat), fuq talba tagħha, t-tagħrif meħtieġ għall-valutazzjoni tal-kwalità ta' l-istatistika stabbilita fl-Anness li tinhtiegħ sabiex jitwettqu l-ħtiġiet tar-rappurtaġġ stabbiliti fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 1608/2003/KE.

Artikolu 7

Dan ir-regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għall-Kummissjoni

Pedro SOLBES MIRA

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

STATISTIKA DWAR IX-XJENZA U T-TEKNOLOĠIJA

*Taqsim 1***Statistika dwar Riċerka u l-Żvilupp**

1. Il-lista ta' l-istatistika (inkluż it-tqassim tagħhom waħda waħda) li għandha tiġi kumpilata hija dikjarata hawn taħt.

Kodiċi	Is-Setturi kollha	Skond is-Settur tat-twertiq tax-xoghol				Kummenti
		Is-Settur ta' l-intrapriżi kum-merċjali	Is-Settur ta' l-Edukazzjoni oghla	Is-Settur Gover-nattiv	Is-Settur privat ta' minghajr qligh	
1.11	Numri tal-personal tar-R & Ż b'għadd tar-rjus (HC)					
	Mingħajr tqassim wieħed wieħed	1.11.0.0	1.11.0.1	1.11.0.2	1.11.0.3	1.11.0.4
	Skond ix-xogħol u s-sess	1.11.1.0	1.11.1.1	1.11.1.2	1.11.1.3	1.11.1.4
	Skond ix-xogħol u s-sess	1.11.2.0	1.11.2.1	1.11.2.2	1.11.2.3	1.11.2.4
	Skond l-attività ekonomika (NACE)		1.11.3.1			
	Skond il-kamp maġġuri tax-xjenza u s-sess			1.11.4.2	1.11.4.3	Erba' kull sena
	Skond ir-reġjun (NUTS 2),	1.11.5.0	1.11.5.1	1.11.5.2	1.11.5.3	1.11.5.4
	Skond ir-reġjun (NUTS 2), u s-sess	1.11.6.0	1.11.6.1	1.11.6.2	1.11.6.3	1.11.6.4
	Skond l-attività ekonomika (NACE) u s-sess		1.11.7.1			Erba' kull sena
1.12	Numru tar-riċerċaturi b'għadd tar-rjus (HC)					
	Mingħajr tqassim wieħed wieħed	1.12.0.0	1.12.0.1	1.12.0.2	1.12.0.3	1.12.0.4
	Skond is-sess	1.12.1.0	1.12.1.1	1.12.1.2	1.12.1.3	1.12.1.4
	Skond ix-xogħol u s-sess	1.12.2.0	1.12.2.1	1.12.2.2	1.12.2.3	1.12.2.4
	Skond l-attività ekonomika (NACE) u s-sess		1.12.3.1			Erba' kull sena
	Skond il-kamp maġġuri tax-xjenza u s-sess			1.12.4.2	1.12.4.3	Erba' kull sena

Kodiċi	Is-Setturi kollha	Skond is-Settur tat-twertiq tax-xoghol				Kummenti
		Is-Settur ta' l-intrapriżi kummerċjali	Is-Settur ta' l-Edukazzjoni oghla	Is-Settur Governattiv	Is-Settur privat ta' minghajn qliġh	
	Skond- reġjun (NUTS 2),	1.12.5.1	1.12.5.2	1.12.5.3	1.12.5.4	
	Skond- reġjun (NUTS 2), u s-sess	1.12.6.1	1.12.6.2	1.12.6.3	1.12.6.4	(mhux obligatorju)
	Skond il-gruppi ta' l-età u s-sess		1.12.7.2	1.12.7.3		(mhux obligatorju)
	Skond iċ-ċittadinanza u s-sess		1.12.8.2	1.12.8.3		(mhux obligatorju)
1.13	Numri tal-personal tar-R & Ż fl-ekwivalenti ta' xogħol full-time (FTE)					
	Minghajn tqassim wieħed wieħed	1.13.0.1	1.13.0.2	1.13.0.3	1.13.0.4	Kull sena
	Skond ix-xogħol	1.13.1.1	1.13.1.2	1.13.1.3	1.13.1.4	Alternattivament jista' jiġi mogħti t-tqassim wieħed wieħed skond il-kwalifiki
	Skond il-kwalifiki	1.13.2.1	1.13.2.2	1.13.2.3	1.13.2.4	Alternattivament jista' jiġi mogħti t-tqassim wieħed wieħed skond ix-xogħol
	Skond l-attività ekonomika (NACE)	1.13.3.1				
	Skond il-kamp magħguri tax-xjenza u s-sess		1.13.4.2	1.13.4.3		Mhux obligatorji
	Skond ir-reġjun (NUTS 2),	1.13.5.1	1.13.5.2	1.13.5.3	1.13.5.4	
	Skond id-daqs tal-klassi	1.13.6.1				Bil-għażla għall-klassijiet tad-daqs 0 u minn wieħed sa disa' impjegati
1.14	Numri tar-riċerċaturi fl-ekwivalenti ta' xogħol full-time (FTE)					
	Minghajn tqassim wieħed wieħed	1.14.0.1	1.14.0.2	1.14.0.3	1.14.0.4	Kull sena
	Skond is-sess	1.14.1.1	1.14.1.2	1.14.1.3	1.14.1.4	Mhux obligatorji
	Skond il-kwalifiki	1.14.2.1	1.14.2.2	1.14.2.3	1.14.2.4	Mhux obligatorji

Kodiċi	Is-Setturi kollha	Skond is-Settur tat-twertiq tax-xogħol					Kummenti
		Is-Settur ta' l-intrapriżi kummerċjali	Is-Settur ta' l-Edukazzjoni oghla	Is-Settur Governattiv	Is-Settur privat ta' mingħajr qligħ		
	Skond l-attività ekonomika (NACE)	1.14.3.1					
	Skond il-kamp maġġuri tax-xjenza u s-sess		1.14.4.2	1.14.4.3		Mhux obligatorji	
	Skond- reġjun (NUTS 2),	1.14.5.1	1.14.5.2	1.14.5.3	1.14.5.4		
	Skond- reġjun (NUTS 2), u s-sess	1.14.6.1	1.14.6.2	1.14.6.3	1.14.6.4	Mhux obligatorji	
	Skond id-daqs tal-klassi	1.14.7.1				Bil-għażla għall-klassijiet tad-daqs 0 u minn wieħed sa disa' implegati	
1.20	Nefqa tar-R & Ż intramurali						
	Mingħajr tqassim wieħed wieħed	1.20.0.0	1.20.0.2	1.20.0.3	1.20.0.4	Kull sena	
	Skond is-sors tal-fondi	1.20.1.0	1.20.1.2	1.20.1.3	1.20.1.4		
	Miċ-ċivil/il-militar	1.20.2.0				Mhux obligatorji	
	Skond it-tip ta' R & Ż	1.20.3.0	1.20.3.2	1.20.3.3	1.20.3.4	Mhux obligatorji	
	Skond it-tip ta' l-ispejjeż	1.20.4.0	1.20.4.2	1.20.4.3	1.20.4.4		
	Skond l-attività ekonomika (NACE)						
	Skond id-daqs tal-klassi					Bil-għażla għall-klassijiet tad-daqs 0 u minn wieħed sa disa' implegati	
	Skond is-sors tal-fondi u d-daqs tal-klassi						
	Skond il-kamp maġġuri tax-xjenza		1.20.8.2	1.20.8.3		Mhux obligatorji	
	Skond il-għan soċjo-ekonomiku (SEO)			1.20.9.3		Mhux obligatorji	
	Skond ir-reġjun (NUTS 2)	1.20.10.0	1.20.10.2	1.20.10.3	1.20.10.4		

2. Il-varjanti għandhom jiġu rrapputati kull tieni sena, għajr dawk meta tiġi dikjarata frekwenza differenti (kull sena jew erbgħa kull sena) fit-tabelli tal-paragrafu 1.

3. L-ewwel sena ta' referenza li għaliha għandha tiġi kumpilata l-istatistika elenkata fil-paragrafu 1 hija s-sena kalendarja 2003.

Safejn u sakemm is-sistemi ta' statistika nazzjonali jeħtieġu addattament maġġuri, l-Kummissjoni tista' tikkonċedi deroga lill-Istati Membri rigward l-istatistika kumpilata għall-ewwel sena ta' referenza. F'każijiet eċċezzjonali ħafna, il-perjodu taż-żmien ta' din id-deroga jista' jiġi mtawwal għat-tqassim wieħed wieħed reġjonali tal-varjanti 1.11, 1.12, 1.13, 1.14 u 1.20.

4. Ir-riżultati għandhom jiġu trasmessi fi żmien 18-il xahar mit-tmiem tas-sena kalendarja tal-perjodu taż-żmien ta' referenza. B'żieda ma' dan, ir-riżultati preliminari għall-varjanti bi frekwenza annwali għandhom jiġu trasmessi fi żmien 10 xhur mit-tmiem tas-sena kalendarja tal-perjodu taż-żmien ta' referenza.

5. Il-produzzjoni tar-riżultati

- 5.1. Ir-riżultati ta' l-istatistika skond ix-xogħol i għandhom jitqassmu wieħed wieħed fi "riċerkaturi", "personal tekniku/ekwivalenti" u "personal ieħor ta' sostenn".
- 5.2. Ir-riżultati ta' l-istatistika skond il-kwalifiki għandhom jitqassmu wieħed wieħed fi "pussessuri tal-PhD (ISCED 6)", "gradi Universitarji oħra u diplomi terzjarji oħra (ISCED 5 u 5B)", u "kwalifiki oħra".
- 5.3. Ir-riżultati ta' l-istatistika skond il-kamp maġġuri tax-xjenza għandhom jitqassmu wieħed wieħed fi "ix-xjenzi naturali", "l-inġinerija u t-teknoloġija", "x-xjenzi mediċi", "x-xjenzi agrikoli", "x-xjenzi soċjali" u "l-umanitajiet".
- 5.4. Ir-riżultati ta' l-istatistika skond il-klassi tad-daqs i għandhom jitqassmu wieħed wieħed fil-klassijiet tad-daqsijiet li ġejjin:
"0 impjegati", "minn wieħed sa disa' impjegati", "minn 10 sa 49 impjegat", "minn 50 sa 249 impjegat", "minn 250 sa 499 impjegat", "500 impjegat u fuqhom".
- 5.5. Ir-riżultati ta' l-istatistika skond is-sors tal-fondi għandhom jitqassmu wieħed wieħed "fis-settur ta' l-intrapriżi kummerċjali", "s-settur privat ta' mingħajr qligħ", "is-settur ta' l-edukazzjoni ogħla" u "barra mill-pajjiż".
- 5.6. Ir-riżultati ta' l-istatistika skond it-tip ta' R & Ż għandhom jitqassmu wieħed wieħed "fir-riċerka bāzika", "r-riċerka applikata" u "l-iżvilupp sperimentali".
- 5.7. Ir-riżultati ta' l-istatistika skond it-tip ta' l-ispejjeż għandhom jitqassmu wieħed ieħed "fl-ispejjeż korrenti (spejjeż tax-xogħol u spejjeż oħra)" u "n-nefqa kapitali".
- 5.8. Ir-riżultati ta' l-istatistika skond il-għan soċjo-ekonomiku (SEO) għandhom jitqassmu wieħed wieħed skond in-nomenklatura għall-analiżi u l-paragun tal-programmi xjentifiċi u l-estimi finanzjarji (in-NABS) fil-livell tal-kapitolu.
- 5.9. Ir-riżultati ta' l-istatistika skond il-gruppi ta' l-età għandhom jitqassmu waħda waħda fil-klassijiet ta' l-etajiet li ġejjin:
"sa 25 sena", "minn 25 sa 34 sena", "minn 35 sa 44 sena", "minn 45 sa 54 sena", "minn 55 sa 64 sena", "65 sena u fuqhom".
- 5.10. Ir-riżultati ta' l-istatistika skond iċ-ċittadinanza għandhom jitqassmu waħda waħda fil-kategoriji li ġejjin:
"ċittadinanza nazzjonali", "ċittadinanza ta' l-Istati Membri l-oħra ta' l-UE", "ċittadinanza ta' pajjiżi oħra Ewropej", "ċittadinanza ta' l-Amerika ta' Fuq", "ċittadinanza ta' l-Amerika Ċentrali u tan-Nofsinhar", "ċittadinanza ta' l-Asja", "ċittadinanza ta' l-Afrika", "ċittadinanza oħra".
- 5.11. Ir-riżultati ta' l-istatistika skond l-attività ekonomika (in-NACE Rev. 1.1) għandhom jitqassmu wieħed wieħed fid-diviżjonijiet, il-gruppi il-klassijiet, l-aggregati tan-NACE Rev. 1,1 li ġejjin (kif elenkati fil-manwal ta' Frascati):

"17", "18", "19", "20 + 21 + 22", "20", "21", "22", "23 + 24 + 25", "23", "23 mingħajr it-23.2", "23.2", "24", "24 mingħajr l-24.4", "24.4", "25", "26", "27", "minn 27.1 sa 27.3 + 27.51 + 27.52", "27.4 + 27.53 + 27.54", "minn 28 sa 35", "28", "29", "29.11", "29.3 + 29.4 + 29.5 + 29.6", "29.4", "29.6", "30", "31", "31.1", "31.2", "31.3", "31.4", "31.5", "31.6", "32", "32.1", "32.2", "32.3", "33", "33.1", "33.2", "33.3", "33.4", "33.5", "34", "35", "35.1", "35.2", "35.3", "35.4 + 35.5", "36", "36.1", "minn 36.2 sa 36.5", "37", "40, 41", "45", "minn 50 sa 99", "50, 51, 52", "55", "60, 61, 62, 63, 64", "64.2", "minn 60 sa 64 mingħajr il-64.2", "65, 66, 67", "70, 71, 72, 73, 74", "72", "72.2", "73", "74", "74.2 + 74.3", "minn 75 sa 99", "minn 01 sa 99".

6. Il-kunċetti u d-definizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-istatistika definiti f'din it-taqsimha huma stabbiliti fil-manwal ta' Frascati.
7. Fuq bażi volontarja, għandhom jitwettqu studji pilota mill-Kummissjoni u/jew mill-Istati Membri, b'mod partikolari fit-temi li ġejjin:
 - (a) iktar tqassim wieħed wieħed tar-riċerkaturi f'għadd tar-rjus fis-settur ta' l-intrapriżi kummerċjali;
 - (b) in-numru ta' benfiċċji li jsiru minn proċess ikbar jew l-indikaturi simili tar-riżultati ġenerati mir-riċerkaturi fis-settur ta' l-edukazzjoni ogħla;
 - (ċ) iktar tqasim wieħed wieħed tal-kategorija "sors ta' fondi barra mill-pajjiż" (elenkati taħt il-paragrafu 5.5) fi "intrapriża barranija tal-kummerċ", "gvernijiet nazzjonali oħra", "organizzazzjonijiet privati ta' mingħajr qligħ", "l-edukazzjoni ogħla", "l-Kummissjoni Ewropea", "l-organizzazzjonijiet internazzjonali", oħrajn;
 - (d) l-indikaturi dwar il-globalizzazzjoni tar-R & Ż.

Taqsimha 2

Statistika dwar l-appropriazzjonijiet ta' l-estimi finanzjarji tal-gvern jew dwar il-ħruġ tal-flus fir-rigward ta' riċerka u żvilupp (il-GBAORD)

1. Għandha tiġi kumpilata l-istatistika li ġejja:

Kodiċi	Titolu
21.0	L-appropriazzjonijiet tal-gvern għar-R & Ż fl-estimi finanzjarji proviżorji (kif approvati mill-Parlament fil-bidu tas-sena ta' l-estimi finanzjarji)
21.1	L-appropriazzjonijiet tal-gvern għar-R & Ż fl-estimi finanzjarji finali (l-estimi finanzjarji riveduti approvati matul is-sena ta' l-estimi finanzjarji)

2. Il-varjanti kollha għandhom jiġu rappurtati kull sena.
3. L-ewwel sena ta' referenza li għaliha għandha tiġi kumpilata l-istatistika hija s-sena kalendarja 2004. Safejn u sakemm is-sistemi ta' statistika nazzjonali jeħtieġu addattamenti maġġuri, l-Kummissjoni tista' tikkonċedi derogi lill-Istati Membri rigward l-istatistika kumpilata għall-ewwel sena ta' referenza.
4. Ir-riżultati għandhom jiġu trasmessi fi żmien sitt xhur mill-aħħar tas-sena kalendarja tal-perjodu taż-żmien ta' referenza għall-varjanti 21.0 (inkluż it-tqassim kollu wieħed wieħed) u fi żmien 12-il xahar għall-varjanti 21.1 (inkluż it-tqassim kollu wieħed wieħed). It-trasmissjoni tar-riżultati għall-varjanti 21.1 skond in-nomenklatura għall-analiżi u l-paragun tal-programmi u l-estimi finanzjarji xjentifiċi (in-NABS) fil-livell tas-sub-kapitolu, mhix obbligatorja.
5. **Produzzjoni tar-riżultati**
 - 5.1. Ir-riżultati ta' l-istatistika kumpilati għall-varjanti 21.0 u 21.1 għandhom jitqassmu wieħed wieħed skond in-nomenklatura għall-analiżi u l-paragun tal-programmi xjentifiċi u l-estimi finanzjarji (in-NABS) fil-livell tal-kapitolu.
 - 5.2. Ir-riżultati ta' l-istatistika kumpilati għall-varjanti 21.0 u 21.1 għandhom jitqassmu wieħed wieħed skond in-nomenklatura għall-analiżi u l-paragun tal-programmi xjentifiċi u l-estimi finanzjarji (in-NABS) fil-livell tal-sub-kapitolu.
6. Il-kunċetti u d-definizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-istatistika definiti f'din it-taqsimha huma stabbiliti fil-manwal ta' Frascati.

Taqsimha 3

Statistika oħra dwar ix-xjenza u t-teknoloġija

Ix-xogħol li għandu x'jaqsmu maż-żoni l-oħra ta' l-istatistika dwar ix-xjenza u t-teknoloġija għandhom jirreferu b'mod partikolari għad-dominji li ġejjin:

- (a) l-istatistika dwar ir-riżorsi umani fix-xjenza u t-teknoloġija (inklużi l-istatistika dwar is-sessi u l-mobbiltà) (HRST): l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-qafas komprensiv ta' l-istatistika dwar il-HIRST b'mod prinċipali bl-isfruttament aħjar tas-sorsi ta' data nazzjonali u internazzjonali eżistenti (għewwa s-sistema ta' statistika Ewropea wkoll). Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-aspetti tas-sessi;

- (b) l-istatistika dwar il-privattivi: l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' qafas komprensiv għall-istatistika dwar il-privattivi billi jiġu prodotti b'mod regolari statistika u indikaturi nazzjonali u internazzjonali dwar il-privattivi imsejsa fuq it-tagħrif disponibbli fl-uffiċċji nazzjonali u internazzjonali tal-privattivi;
- (c) l-istatistika dwar l-industrija ta' teknoloġija għolja u dwar is-servizzi msejsa fuq il-għerf: L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-qafas komprensiv ta' l-istatistiċi dwar l-industrija tat-teknoloġija għolja u dwar is-servizzi msejsa fuq il-għerf, prinċipalment bl-isfruttament aħjar tas-sorsi ta' *data* nazzjonali u internazzjonali eżistenti (għewwa s-sistema ta' statistika Ewropea wkoll). Dan ix-xogħol jikkompreni wkoll l-identifikazzjoni u l-klassifikazzjoni ta' l-attivitajiet u tal-prodotti, l-kejl tat-twettiq tax-xogħol ekonomiku ta' dawn l-attivitajiet u l-kontribut tagħhom għat-twettiq tax-xogħol ta' l-ekonomiji kollha;
- (d) statistika oħra dwar ix-xjenza u t-teknoloġija: Ix-xogħol addizzjonali ta' l-iżvilupp u l-implimentazzjoni huwa relatat, fost ħwejjeġ oħra, ma l-Istatistika dwar il-bijoteknoloġija, n-nanoteknoloġija, l-bilanċ teknoloġiku tal-pagamenti, iktar tqassim wieħed wieħed ta' l-istatistika eżistenti rigward il-klassijiet tad-daqs u żoni oħra.

Rigward id-dominji elenkati f'din it-taqsim, id-*data* meħtieġa għandha tinkiseb fil-biċċa l-kbira permezz tas-sorsi ta' statistika eżistenti jew sorsi oħra ta' *data* (p.e., fiż-żona ta' l-istatistika soċjali jew ekonomiċi).
